IM SYLLABUS (2005-2007)

**IL-MALTI** **IM 22**

***SYLLABUS***

| **Il-Malti** | **IM 22** | (Tingħata wkoll f'Settembru) |
|---|---|---|
| **Is-Sillabu** | | Oral (10 min.) + Karta waħda (tliet sigħat) |

**Daħla**
Dan is-sillabu għandu taqsima dwar l-użu ġenerali tal-lingwa, taqsima ta' studju lingwistiku u taqsima ta' l-istudju letterarju.

Il-kandidati jridu juru li kemm fl-oral u kemm fl-eżami tal-kitba għandhom il-ħila jfissru ruħhom b'Malti tajjeb, bi kliem u b'idjoma magħżulin bir-reqqa, b'argumenti loġici u ċari marbutin flimkien. Fil-kitba tingħata importanza kbira lill-bini tas-sentenza u tal-paragrafu u lill-ortografija; fejn tidħol l-ortografija l-kandidati jridu jsegwu l-aħħar aġġornamenti ta' l-Akkademja tal-Malti. Fil-karta kollha l-kandidati jridu jiktbu proża kontinwa u l-eżaminaturi jqisu l-kwalita' tal-lingwa fit-tweġibiet kollha.

**L-Għanijiet Ġenerali**
Bis-saħħa ta' kors mibni fuq dan is-sillabu, il-kandidati għandhom jaslu biex:
1. ifissru ruħhom tajjeb u b'mod effettiv bil-Malti mitkellem u miktub;
2. jiżviluppaw sens ta' stħarriġ, kontinwita' u dixxiplina fid-diskussjoni;
3. jifhmu l-mod kif kittieba differenti jinqdew bil-forma u bil-lingwa biex iwasslu l-kontenut tagħhom;
4. jinterpretaw xogħlijiet letterarji u japprezzaw il-valuri tagħhom.

**Ħtieġa għall-Istudju ta' dan is-Sillabu**
Jixraq li l-kandidati li jagħżlu li jistudjaw il-Malti fil-Livell Intermedju jkunu għaddew mill-Malti fil-Livell taċ-Ċertifikat ta' l-Edukazzjoni Sekondarja għallinqas bil-Grad 5.

**L-Objettivi**
Sabiex jilħqu dawn il-għanijiet fl-eżami l-kandidati jridu:
1. jitkellmu u jiktbu ċar bil-Malti fuq suġġetti partikolari billi jinqdew b'vokabolarju wiesa' u bi stil xieraq;
2. jistħarrġu l-valuri ta' xogħlijiet letterarji;
3. jorganizzaw u jippreżentaw tagħrif, ideat, deskrizzjonijiet, u argumenti b'mod ċar u loġiku;
4. ifissru ruħhom sew fuq xejriet letterarji u lingwistiċi.

**Il-Binja ta' l-Eżami**
L-eżami hu magħmul minn oral ta' madwar għaxar minuti u eżami tal-kitba ta' tliet sigħat.

*I. L-Oral* (20% tal-marki kollha)
*II. L-Eżami tal-Kitba* (80% tal-marki kollha)
Taqsima A: Il-Komponiment Ġenerali 20%
Taqsima B: Il-Komponiment fuq il-Lingwistika 20%
Taqsima C: Il-Komponiment fuq il-Letteratura (Poeżija) 20%
Taqsima D: Il-Komponiment fuq il-Letteratura (Narrattiva/Drama) 20%

**Is-Sillabu**
*I. L-Oral* (20% tal-marki kollha)
Il-kandidati jkunu eżaminati fil-Malti mitkellem. L-oral jieħu l-għamla ta' diskussjoni. Jingħataw għadd ta' temi u/jew stampi għad-diskussjoni u l-kandidati jagħżlu waħda minnhom quddiem l-eżaminatur ma' kull tema jkun hemm xi punti biex l-eżaminatur ikun jista' jgħin lill-kandidati fid-diskussjoni.

*II. L-Eżami tal-Kitba* (80% tal-marki kollha)
Il-karta jkollha dawn it-taqsimiet:
Taqsima A: Il-Komponiment Ġenerali
Il-Komponiment għandu jkollu bejn 450 u 500 kelma.
Is-suġġetti li jingħataw ikunu ta' xeħta narrattiva, deskrittiva, argumentattiva, u/jew xi forma ta' djalogu.
Taqsima B: Il-Komponiment fuq il-Lingwistika
It-test magħżul huwa Borg, K., editur, *Lingwa u Lingwistika* (Klabb Kotba Maltin, 1998) li minnu jintgħażlu dawn il-kapitli:

Kap 5: Is-Sintassi
Kap 17: Il-Malti Lsien Imħallat
Kap18: Il-Bilingwiżmu

Tingħata mistoqsija fuq kull kapitlu u l-kandidati jridu jwieġbu waħda biss. Fil-każ tal-Bilingwiżmu, l-enfasi għandha tkun mhux fuq l-aspett storiku imma fuq il-qagħda bilingwa attwali. Fil-każ ta' l-Ilsien Imħallat (Kap 17) il-kandidati għandhom jagħfsu wkoll fuq l-element Semitiku fil-Malti.

Taqsima Ċ: Il-Komponiment fuq il-Letteratura (Poeżija)
Il-karta teżamina l-għarfien iddettaljat ta' xogħlijiet ta' għadd ta' poeti fil-ktieb:
*Il-Poezija Maltija* ta' O. Friggieri (editur). Minn din l-antoloġija jintgħażlu l-poeżiji minn Dun Karm 'il quddiem (i.e. minn p. 74 sa 451). It-temi magħżula huma:

It-Twemmin
L-Identita' Nazzjonali
It-Tema Eżistenzjali

Jingħataw żewġ mistoqsijiet, waħda fuq tema u oħra fuq oħra, u l-kandidati jridu jwieġbu waħda biss.

Taqsima D: Il-Komponiment fuq il-Letteratura (Narrattiva/Drama)
Il-Karta teżamina l-għarfien iddettaljat ta' dramm u ta' rumanz:
Ebejer, F., *Il-Ġaħan ta' Binġemma*
Aquilina, Ġ., *Taħt Tliet Saltniet*

Jingħataw żewġ mistoqsijiet fuq kull xogħol. Il-kandidati jagħżlu xogħol minn din it-taqsima (id-dramm jew ir-rumanz) u jiktbu esej wieħed fuqu.